



Brussell, 24 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0224(COD)
2018/0225(COD)

12066/2/18
REV 2

RECH 370
COMPET 594
IND 236
MI 625
EDUC 317
TELECOM 277
ENER 297
ENV 583
REGIO 70
AGRI 415
TRANS 367
SAN 264
CADREFIN 193
CODEC 1445

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9865/18 + ADD 1
Suġġett:	<i>Thejġija tal-Kunsill Kompetittività tas-27 u t-28 ta' Settembru 2018</i> Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027 a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu b) Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - <i>Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il- "pakkett Orizzont Ewropa (HEU)"¹.
2. Meta mqabbel mal-Programm Qafas attwali (Orizzont 2020), ir-Regolament li jistabbilixxi Orizzont Ewropa jgħaqqad żewġ atti legali (il-Programm Qafas u r-Regoli għall-Parteċipazzjoni u d-Disseminazzjoni) f'atti legali wieħed. Il-programm ser ikun ibbażat fuq struttura bi tliet pilastru: L-ewwel pilastru dwar ix-Xjenza Miftuħa ser jiżgura kontinwità qawwija mal-Orizzont 2020 fl-appoġġ għal xjenza eċċellenti u l-mobbiltà ta' riċerkaturi u l-infrastrutturi tar-riċerka. Fil-biċċa l-kbira, dan ser ifisser approċċ minn isfel għal fuq. It-tieni pilastru dwar l-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali ser imexxi 'l quddiem l-isfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji industrijali b'approċċ aktar "minn fuq għal isfel" li jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet tal-politika u l-kompetittività tal-Unjoni kif ukoll globali. Flimkien mas-sejthiet regolari għall-proposti, ser jiġi introdott sett limitat ta' missjonijiet viżibbli ħafna. It-tielet pilastru dwar l-Innovazzjoni Miftuħa ser jiffoka essenzjalment fuq żieda fl-iskala ta' skoperti u innovazzjoni li toħloq is-swieq bl-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Il-miżuri f'dan il-pilastru ser jappoġġjaw ukoll it-tisħiħ ta' ekosistemi ta' innovazzjoni Ewropej u ser ikomplu l-appoġġ tal-Unjoni mogħti lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).
3. Dan ir-rapport ta' progress ikopri:
 - a) Ir-**Regolament** Orizzont Ewropa (li jinkludi r-Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni) li jkopri l-elementi ċentrali kollha tal-programm mill-istruttura u l-oġettivi tiegħu sal-baġit u l-mekkaniżmi ta' finanzjament proposti, is-sħubijiet Ewropej, missjonijiet, aċċess miftuħ kif ukoll l-assoċjazzjoni potenzjali tal-pajjiżi mal-Orizzont Ewropa; u

1 9865/18 + ADD 1-6, 9870/18 + ADD 1-6 + ADD 6 COR 1, 9868/18 + ADD 1-2, 9871/18 + ADD 1-6

- b) **Il-Programm Speċifiku**, li jiddefinixxi u jiżviluppa, li r-raġunament tal-attivitajiet previsti, l-oqsma relatati ta' intervent u l-linji ġenerali ta' intervent li huma speċifiċi għal kull waħda mill-prijoritajiet tal-Proposta Qafas. Barra minn hekk, dan jagħmel enfasi, fuq l-implimentazzjoni u l-istrutturi ta' implimentazzjoni (ERC, EIC, EIT,) imfassla biex jintlaḥqu l-oġettivi stabbiliti u jwettqu l-azzjonijiet previsti.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Taħt il-Presidenza Bulgara (3 laqgħat) u dik Awstrijaka (11-il laqgħa sat-13.9.2018), il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (RECH WP) beda jeżamina l-proposti tal-Kummissjoni bbażati fuq pakketti tematiċi.

Filwaqt li laqgħat f'Ġunju u Lulju ffukaw fuq il-preżentazzjoni tad-diversi elementi ta' Orizzont Ewropa (inkluż il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha) mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll kummenti u mistoqsijiet relatati mill-Istati Membri, il-laqgħat f'Settembru s'issa involvew diskussjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi (Bażijiet Legali, Ippjanar Strateġiku, Sinerġiji mal-FEŻR, Regoli għall-Parteċipazzjoni).

Fis-17 ta' Lulju 2018, il-Ministri għar-Riċerka ltaqgħu għall-ewwel skambju ta' fehmiet rigward il-Proposta ta' Orizzont Ewropa f'laqgħa informali tal-ministri (Riċerka) fi Vjenna.

Barra minn hekk, l-Istati Membri kellhom l-oportunità li jipprovdu feedback bil-miktub dwar il-pakketti tematiċi tal-proposta ta' Orizzont Ewropa, li ġew diskussi matul Lulju fil-livell tekniku. Abbażi tal-kontribut mogħti mill-Istati Membri, il-Presidenza ser tabbozza l-ewwel test tal-Presidenza li mbagħad ikun soġġett għal aktar eżami u negozjati fil-ġimgħat li ġejjin.

Għalkemm il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu l-proposti tal-Kummissjoni ta' hawn fuq f'termini ġenerali, għadd ta' kwistjonijiet tqajmu mid-delegazzjonijiet waqt id-diskussjonijiet u fil-kummenti bil-miktub. Il-kwistjonijiet ewlenin u r-raġunament rilevanti huma deskritti hawn taħt.

1. ELEMENTI ĠENERALI

- Bażijiet Legali: Orizzont Ewropa huwa bbażat fuq it-Titoli tat-TFUE "Industrija" u "Riċerka u żvilupp teknoloġiku u spazju" (Artikoli 173, 182, 183 u 188). Minħabba l-appoġġ qawwi tiegħu għall-innovazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet li tibbaża l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa fuq it-Titoli tat-TFUE "L-Industrija" u "Ir-Riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispażju" (l-Artikoli 173 u 182). L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) twaqqaf taħt it-titolu "Industrija" u ser ikompli jiġi ffinanzjat b'kontribuzzjoni finanzjarja minn Orizzont Ewropa. Il-proposta għall-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom hija bbażata fuq l-Artikoli 7 tat-Trattat Euratom.

Billi dan jikkostitwixxi tluq mill-bażijiet legali proposti għall-Orizzont 2020, f'Ġunju 2018, matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka, is-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) intalab minn għadd ta' Stati Membri biex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-bażijiet legali proposti mill-Kummissjoni għall-proposta għal Deċiżjoni PS (Artikoli 173(3) u 182(2) TFUE) u, b'mod partikolari, dwar l-użu tal-Artikolu 173(3) TFUE bħala wieħed miż-żewġ bażijiet legali għal dik il-proposta. Skont is-SLK, il-bażijiet legali proposti mill-Kummissjoni Ewropea għar-Regolament tal-Programm Qafas huma adatti, iżda d-Deċiżjoni tal-Programm Speċifiku għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 182 (4) biss. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Programm Speċifiku għandha tiġi adottata skont proċedura legiſlattiva speċjali (adozzjoni wara l-konsultazzjoni tal-PE u tal-KESE).

Fil-11 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Dokument Informali li jikkonferma l-għażla tagħha ta' bażi ġuridika doppja għall-proposta tagħha għad-Deċiżjoni tal-Programm Speċifiku. Hija spjegat ir-raġunament għal din l-għażla u wieġbet għall-argumenti ppreżentati mis-SLK. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ddiskuta l-opinjoni tas-SLK u t-toroq 'il quddiem potenzjali² fil-laqgħat tiegħu tat-3 u t-13 ta' Settembru 2018 fejn maġġoranza ċara ta' Stati Membri esprimew li huma jixtiequ jsegwu l-pariri tas-SLK.

2 Abbażi ta' WK 9744/2018 INIT: Nota mill-Presidenza tas-27 ta' Awwissu 2018 – Toroq 'il quddiem potenzjali fid-dawl tal-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) dwar il-Bażijiet Legali ta' Orizzont Ewropa

- Ippjanar Strateġiku: Biex l-oġġettivi tal-Pakkett Orizzont Ewropa jkunu implimentati b'mod integrat u biex ikun permess ċertu grad ta' flessibbiltà fl-implimentazzjoni, il-proposta tal-Pakkett Orizzont Ewropa tippredvi proċess ta' ppjanar strateġiku li jfittex li jidentifika oġġettivi komuni u oqsma komuni għal attivitajiet bħal żoni għal sħubijiet u missjonijiet. L-Istati Membri qajmu tħassib dwar il-maturità tal-kunċett ta' ppjanar strateġiku, speċjalment rigward ir-rwol formali tal-Istati Membri fil-proċess u l-elementi koperti. Il-kwistjoni kienet fuq l-aġenda tal-laqgħa informali tal-ministri (Riċerka) fi Vjenna fis-17 ta' Lulju 2018. Għal aktar elaborazzjonijiet dwar dan is-suġġett ara ST 12071/18, Nota ta' informazzjoni dwar l-Ippjanar Strateġiku.
- Titoli tal-pilastru: Għadd ta' delegazzjonijiet talbu għal isem ġdid tat-titoli tal-pilastru, speċjalment tal-pilastru 1 "Xjenza Miftuħa" u l-pilastru 3 "Innovazzjoni Miftuħa". Ir-raġuni hija li dawn jistgħu faċilment jiġu konfużi ma' kunċetti oħra ta' xjenza miftuħa (li jagħmlu riċerka xjentifika, id-data u d-disseminazzjoni aċċessibbli malli jkunu disponibbli bl-użu tat-teknoloġija diġitali u kollaborattiva) kif ukoll l-innovazzjoni miftuħa (il-ftuħ tal-proċess tal-innovazzjoni lil persuni b'esperjenza f'oqsma oħra minbarra l-qasam akkademiku u x-xjenza). Dawn jintużaw ukoll mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tar-riċerka u l-innovazzjoni u huma elementi essenzjali ta' Orizzont Ewropa.
- Ir-rwol tal-SMEs: Bl-istabbiliment tal-Kunsill Ewropew għall-Innovazzjoni, il-proposta dwar il-Pakkett Orizzont Ewropa tfittex li tintegra għadd ta' attivitajiet tal-Orizzont 2020 fil-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Fi ħdan il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Kummissjoni tixtieq tiffoka fuq l-attivitajiet dwar it-tfixkil/l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji. Id-delegazzjonijiet esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-fatt li l-innovazzjoni inkrimentali ma tissemmiex b'mod espliċitu: għal ħafna SMEs l-innovazzjoni inkrimentali huwa metodu importanti użat għall-innovazzjoni u biex joħolqu swieq ġodda. It-tieni nett huma esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' strument tal-SMEs immirat, li minnu gawdew eluf ta' SMEs madwar l-Ewropa f'Orizzont 2020.
- Ir-rwol tal-industrija Ewropea u teknoloġiji abilitanti ewlenin: L-arranġamenti riveduti għal attivitajiet fi ħdan il-Pakkett Orizzont Ewropa ma jipprevedux attivitajiet speċifiċi għall-industrija b'mod ġenerali, u t-teknoloġiji abilitanti essenzjali (KETs) speċifikament. L-Istati Membri jridu jaraw rwol aktar viżibbli tal-industrija u t-teknoloġiji abilitanti essenzjali, b'kont meħud tar-rwol fundamentali tagħhom għall-kompetittività Ewropea.

- Riċerka kollaborattiva: Hemm kunsens wiesa' fost id-delegazzjonijiet li proġetti kollaborattivi transkonfinali ffinanzjati mill-Programm Qafas joħolqu valur miżjud importanti. Għaldaqstant, dawn it-tipi ta' proġetti kollaborattivi għandhom jibqgħu wkoll fil-qalba tal-Pakkett Orizzont Ewropa.
- Sinerġiji: Il-proposta tal-Pakkett Orizzont Ewropa tagħti importanza kbira lil din il-kwistjoni ta' sinerġiji kemm fi ħdan l-elementi differenti tal-Pakkett Orizzont Ewropa u, anke b'mod aktar prominenti, ma' Programmi oħra tal-QFP. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw l-importanza tas-sinerġiji. Madankollu, huma jinsabu mħassba dwar il-komplessità li qed tikber u l-impatt li dan għandu fuq il-koordinazzjoni effettiva ta' politika, l-implimentazzjoni u l-komunitajiet ta' riċerka li jfittxu li jipparteċipaw fil-programmi. Sinerġiji mal-FEŻR huma ta' importanza liema bħala għal ħafna Stati Membri, u huwa għalhekk li sar Seminar Tekniku ddedikat mill-Presidenza fis-6 ta' Settembru 2018.

2. REGOLAMENTAZZJONI

- Riċerka għad-Difiża: Fi ħdan il-Programmi tal-QFP ta' wara l-2020, il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' Fond Ewropew għad-Difiża, li jinkludi investimenti fir-riċerka (minbarra tiegħa għal bini ta' kapaċità). Peress li t-TFUE jiddikjara li l-attivitajiet kollha tar-Riċerka u t-Teknoloġija tal-Unjoni għandhom jiġu koperti mill-programm qafas, ir-riċerka fil-qasam tad-difiża ġiet ankrata fil-Pakkett Orizzont Ewropa (Artikolu 5). Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jinsistu fuq separazzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ programmi u jenfasizzaw fuq l-importanza u l-ħtieġa li tinżamm in-natura ċivili ta' Orizzont Ewropa, l-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tagħti parir lill-Kunsill biex isaħħaħ ir-referenzi rigward il-Fond għad-Difiża fir-Regolament dwar il-Pakkett Orizzont Ewropa biex jagħmel rabta aktar ċara bejn il-programmi. Dan ġie indirizzat mis-SLK fil-preżentazzjoni orali tiegħu fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fit-3 ta' Settembru 2018.

- Missjonijiet: Għalkemm l-idea li jiġu introdotti għadd limitat ta' missjonijiet speċifiċi ntlaqgħet mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, kien hemm għadd ta' kwistjonijiet ta' tħassib dwar il-proċess tal-għażla ta' dawn il-missjonijiet u l-involvement rispettiv tal-Istati Membri (permezz tal-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku). L-Istati Membri qajmu wkoll mistoqsijiet dwar l-allokazzjoni tal-baġit mir-raggruppament globali tal-pakkett, l-approċċ ta' portafoll propost u l-istruttura ta' implimentazzjoni l-għdida permezz ta' bordijiet u manijers tal-missjonijiet u r-rwoli, l-awtorità u l-obbligi rispettivi tagħhom, anke fil-kuntest ta' komitoloġija.

- Sħubijiet: Il-proposta tal-Pakkett Orizzont Ewropa tantiċipa approċċ simplifikat lejn sħubiji li fihom tliet kategoriji ta' sħubijiet, jiġifieri sħubijiet *koprogrammati*, *kofinanzjati* u *istituzzjonalizzati*. Din is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tax-xenarju ta' sħubija hija milqugħa tajjeb ħafna mill-Istati Membri, peress li dan jitqies bħala li konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-1 ta' Diċembru 2017. Sal-lum, id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-inklużjoni ta' sħubiji bħala kwistjoni ta' ppjanar strateġiku, ir-relazzjoni bejn il-missjonijiet u sħubijiet u l-inklużjoni tar-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma ad hoc tal-KŻER dwar is-sħubiji fit-test tal-Pakkett Orizzont Ewropa. Rigward l-aspetti finanzjarji, tressqu preokkupazzjonijiet dwar i) in-nuqqas ta' ċarezza tal-pakkett baġitarju ġenerali tas-sħubijiet, ii) in-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' tmexxija ċentrali billi l-Istati Membri għamluha ċara li ma jridux joħolqu nases komuni, iii) id-diffikultajiet fil-valutazzjoni ta' kontribuzzjonijiet in natura, speċjalment ta' sħab fl-industrija, iv) l-isfida li tipprovdi impenji finanzjarji legalment vinkolanti fit-tul minn Stat Membru skont iċ-ċikli baġitarji nazzjonali tagħhom, v) id-diffikultajiet ta' finanzjament kumulattiv minn sorsi differenti tal-programm tal-UE, vi) il-limitu minimu ta' 50% tal-Istati Membri li jipparteċipaw fi sħubiji istituzzjonalizzati.

- Baġit: S'issa għadha ma saret l-ebda diskussjoni dettaljata dwar il-baġit. Dan huwa l-każ ukoll għall-istadju bikri tan-negożjati ġenerali tal-QFP. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet talbu għal rendikont iktar dettaljat tal-baġit minħabba l-introduzzjoni ta' missjonijiet u l-inklużjoni futura ta' sħubijiet.

- Kooperazzjoni /Assoċjazzjoni Internazzjonali: Id-delegazzjonijiet talbu għal approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-Pakkett Orizzont Ewropa kollu, rwol għall-Istati Membri meta jiddeċiedu liema pajjiżi jiġu assoċjati u aktar enfasi fuq ir-reċiproċità. Barra minn hekk, il-kriterji minimi ta' eliġibbiltà kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni fi strumenti monobenefiċjarji tressqu mid-delegazzjonijiet.
- Regoli għall-parteċipazzjoni: Il-proposta tal-Kummissjoni għar-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni turi kontinwità kbira ta' prattiki stabbiliti fil-programmi qafas preċedenti, speċjalment l-Orizzont 2020. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka bdew bi preżentazzjoni ġenerali fit-3 ta' Settembru 2018, u l-ewwel kummenti bil-miktub mill-Istati Membri huma mistennija sal-aħħar ta' Settembru 2018.

3. PROGRAMM SPEĊIFIKU

- Pilastru I: Hemm qbil ġenerali dwar l-attivitajiet u l-miżuri proposti fi ħdan il-Pilastru I, minħabba li dawn huma fil-biċċa l-kbira (bl-eċċezzjoni ta' FET) kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-Orizzont 2020 u rċevew żiedet sostanzjali tal-baġit. Hemm xi pajjiżi, madankollu, li jixtiequ jaraw sehem akbar tal-baġit għal azzjonijiet ta' Marie Sklodowska-Curie u tqajjem xi tħassib dwar it-tnaqqis relattiv tal-baġit għal Infrastrutturi ta' Riċerka. Minbarra dan, xi Stati Membri ssuġġerew l-introduzzjoni ta' inċentivi/għotjiet għal riċerkaturi li jirritornaw minn barra l-UE kif ukoll l-introduzzjoni ta' "fażi pre-ERC" li tiffinanzja riċerkaturi żgħażaġh.
- Pilastru II: Filwaqt li l-Istati Membri b'mod ġenerali laqgħu l-introduzzjoni ta' raggruppamenti transdixxiplinari fil-Pilastru II, tnejn minn dawn ir-raggruppamenti, (b) "Soċjetà Inklużiva u Sigura" u (d) "Klima, Enerġija u Mobbiltà" ġew ikkritikati li huma wiesa' wisq.
Kwistjoni oħra li tqajmet hija l-importanza li jiġi inklużi l-Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRLs) kollha fl-attivitajiet tat-tieni pilastru.

- Pilastru III: L-Istati Membri laqgħu t-twaqqif tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Fl-istess ħin, huma enfazzaw il-punt li għad għandhom għadd ta' kwistjonijiet rigward il-governanza u l-implimentazzjoni. Saru talbiet għal definizzjonijiet ta' tipi differenti ta' innovazzjoni fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri talbu għal koordinazzjoni adegwata mal-attivitajiet tal-EIT.

L-Istati Membri laqgħu l-idea li dak l-appoġġ għal ekosistemi ta' innovazzjoni Ewropej għandu jiġi ffinanzjat fi ħdan dan il-pilastru. Fl-istess ħin huma talbu kjarifika ulterjuri tal-miżuri speċifiċi u l-gruppi fil-mira.

- Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka:
Fir-rigward ta' miżuri għall-"*Kondiviżjoni tal-eċċellenza*", id-delegazzjonijiet staqsew jekk il-baġit propost huwiex adegwat u jekk l-attivitajiet f'dan il-qasam humiex biżżejjed. Għadd ta' delegazzjonijiet talbu miżuri addizzjonali ta' natura "orizzontali" pereżempju, dawk relatati ma' proċeduri ta' evalwazzjoni, il-ftuħ ta' networks ta' sħab ġodda jew il-ħolqien ta' attivitajiet speċifiċi, pereżempju, fi ħdan l-ERC. Għadd ta' delegazzjonijiet għamlu wkoll kummenti dwar il-kompożizzjoni, l-applikazzjoni f'waqtha u l-aġġornament regolari tal-arranġamenti fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' proposti taħt din il-parti tal-Pakkett Orizzont Ewropa. Fl-aħħar nett, kienet ikkunsidrata l-kwistjoni tas-salarji tar-riċerkaturi.

B'ħarsa lejn il-parti "Riforma u titjib tas-sistema tal-UE tar-riċerka u l-innovazzjoni", diversi delegazzjonijiet kienu mħassba dwar in-nuqqas ta' żona separata "Xjenza u Soċjetà" kif implimentat fl-Orizzont 2020, u t-tnaqqis tal-baġit għal dawn l-aspetti frabta ma' Orizzont 2020. Hemm appoġġ wiesa' għal sinerġiji mtejba bejn iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja. Madankollu, l-implimentazzjoni attwali tal-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej (EUI) u r-rwol tal-Pakkett Orizzont Ewropa f'dan il-kuntest jkun jeħtieġ li jiġi definiti f'aktar dettall.